MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 73/2006/1

**Thomas u Catherine konjugi Cauchi**
**Vs**
**Lawrence Caruana**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dan hu appell minn decizjoni tal-Bord li jirregola l-kera tas 16 ta' Ottubru 2006.

Kien sar rikors lill Bord li jirregola l-kera minn Lawrence Caruana fejn talab li jithassar mandat ta' zgumbrament numru 10/03 fl-ismijiet premessi a termini ta' l-Artikolu 283A tal-Kap 12 ghax il-mandat kien null billi l-Bord ma' kellux is-setgha li johrog mandati.

Il-Bord li jirregola l-kera bid decizjoni imsemmija tas 16 ta' Ottubru 2006 iddecieda dak ir-rikors billi cahdu stante li

ma kien hemm ebda nullita’ fil-hrug tal-mandat ta’ zgumbrament. Bl-ispejjez kontra Lawrence Caruana u ordna li l-mandat jigi mwettaq.

Lawrence Caruana appella minn dina d-decizjoni.

Illi l-aggravju ta’ l-appellant huwa li l-Bord kien zbaljat meta ddecieda li l-mandat ta’ zgumbrament hareg validament mill-Bord li jirregola l-kera u meta l-Bord accetta li l-“Bord li jirregola l-Kera” mhux “qorti” izda “tribunal” messu waqaf hemm u ddikjara li l-mandat ma setghax jinhareg. L-appellant isostni ukoll li r-referenza li saret mill-Bord ghall artikolu 266(12) tal-Kap 12 hija rrilevanti billi dan ma jfissirx illi l-esekuzzjoni tas-sentenza permezz tal-mandati ssir ukoll mill-istess Bord.

L-appellat proprjament ma wegiebx ghall-appell interpost, imma minflok irrefera ghad-diversi rikorsi li saru mill-appellanti biex jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament, liema talbiet gew diversi drabi milqugha mill-Bord.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Rigward il-mertu ta’ l-appell, fejn l-appellant qed isostni li l-Bord ma setghax johrog il-mandat ta’ zgumbrament billi mhux “qorti” , dina l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ta’ din l-istess Qorti diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet J.Zammit vs C.Dingli decizja fit 28 ta’ Dicembru 2001 u li ghaliha saret riferenza anke fid-decizjoni tal-Bord, liema sentenza spjegat il-posizzjoni li temergi mid-diversi artikolu tal-ligi f’dan ir-rigward.

Dina l-Qorti taqbel ma’ dik id-decizjoni. Dak li ntqal japplika mhux biss meta sentenza tigi ezegwita provvisorjament mill-Bord imma anke meta dina tigi mwettaq definittivament u dana in vista tal-fatt li skond l-artikolu 20(1) tal-Kap 69, li hi ligi specjali, hemm pprovvdut li l-Bord li jirregola l-Kera ghandu l-istess setghat moghtija mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili lill Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk isegwi li l-Bord kellu s-setgha li johrog l-mandat in kwistjoni.

Ghalhekk l-appell interpost ma jistax jigi milqugh u d-decizjoni tal-Bord qed tigi konfermata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-appell.
Tikkonferma d-decizjoni appellate, spejjez ghall-appellant. Fic-cirkostanzi tal-kaz billi l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju, u mahsub biex itawwal ghalxejn il-proceduri, il-Qorti, wara li rat il-para (10)(1) tat-Tariffa A mehmuza bhala Skeda A tal-Kap 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lir-Registratur spejjez addizzjonali ta' tlett mitt lira Maltin Lm300.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------